**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

# Seduta numru 9 tas-7 Leġislatura
# Illum il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 0 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2013, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Sejħa għall-Vakanza ta' Uffiċċjal fi' Skala 11
5. Attivitajiet għax-xhur li ġejjin
6. Proġett tal-Bandli
7. Proġett ta' Triq Fisher
8. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut, l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ Elaine Vella flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

Il-laqgħa ingħatat bidu billi is-Sindku ta' merħba lill-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, is-sinjorina Elaine Vella u introduċiha mal-kumplament tal-Kunsill.

## 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**Punti mill-Minuti**

1.2 dwar punt 1.3: Eman Vella informa l-MEPA kienet talbet lill-Valley Management Unit għall-Ecological Survey dwar dan is-sit;

1.3 dwar punt 1.5 : Eman Vella informa dwar Miżura 313, il-kjarifika mitluba mill-Kunsill kienet ġiet sottomessa fil-ħin u għaldaqstant il-proċess ta' dan il-proġett ma ġiex interrott;

1.4 dwar punt 6 : Is-Segretarju Eżekuttiv informa li il-laqgħa msemmija mad-Dipartment tal-Gvern Lokali ma seħħitx peress li id-Dipartiment kien laħaq ta' l-approvazzjoni tiegħu u għaldaqstant din il-kwistjoni kienet ġie solvuta;

1.5 dwar punt 7.3: Elizabeth Ebejer resqet proposta sabiex il-laqgħat mal-kittieba jitmexxew bi' ftit u jibdew min nhar il-Ġimgħa 17 ta' Jannar. Il-proposta ġiet milqugħa.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Ġiet irreġistrata taħrika sabix il-Kunsill jitla' bħala xhud fuq camping fil-Ġnejna.

2.4 Korrispondenza mingħand Joe Attard ta' Green MT jipproponi li il-ġbir mill-Bring In Sites jibda' jsir darba fil-ġimgħa. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta u għalhekk ser tissejjaħ laqgħa mas-sur Attard biex tiġi diskussa din il-proposta.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku ressaq mozzjoni fejn fiha ppropona li is-sejħa għall-offerti għar-rubber flooring tal-playing field ta' Triq l-Alwiza tingħata data ta' skadenza aktar urġenti peress li kien hemm bżonn li dan ix-xogħol jitwettaq mill-aktar fis peress li is-sit kif inhu huwa ta' periklu. Il-Kunsill qabel ma' din ir-risoluzzjoni u għalhekk id-data ta' din is-sejħa ser tkun għal-5 ta' Diċembru. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed joħroġ avviżi li jinfurmaw dwar din il-bidla.

3.2 Elizabeth Ebejer resqet proposta biex sejħiet ta' offerti jibdew jiġu applowdjati fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien ġie infurmat mid-dipartimet tal-Gvern Lokali li il-ftehim tal-PPP għas-sit ta' L-Għasfura kien ġie approvat min-naħa tal-

Ministeru tal-Finanzi u għalhekk setgħu isiru it-tħejjijiet għal-iffirmar tal-ftehim ta' dan il-proġett.

3.4 Is-Sindku informa li kien ingħata tarmac f' 4 zoni - is-Santi, il-Ballut, Binġemma, u Triq il-Fuħħar l-Aħmar.

3.5 Is-Sindku informa wkoll li bdew jitwaħħlu l-ismijiet tat-toroq li ġew approvati matul din is-sena, iżda sfortunatament uħud minn dawn it-tabelli ġew vandalizzati.

3.6 Is-Sindku ħabbar li l-playing field ta' Skorba issa kien tlesta mix-xogħolijiet u li ġew installati wkoll gradi tal-ħadidd għall-aktar sikurta' tat-tfal.

3.7 Is-Sindku ħabbar li kien ser jibda' il-proġett ta' manutenzjoni u kostruzzjoni fiz-zona tal-Palma.

**4. Sejħa għall-Vakanza ta' Uffiċċjal fi' Skala 11**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, sa l-għeluq ta' din is-sejħa, kien irċieva applikazzjoni waħda: dik ta' Natasha Cassar. Wara li qara l-ittra tas-sinjura Cassar u kkonferma li kollox kif kien mitlub fis-sejħa, il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni u qabel li tiġi aċċettata u li Natasha Cassar tingħata l-iskala 11 b' seħħ mill-1 ta' Diċembru 2013.

5. **Attivitajiet għax-xhur li ġejjin**

5.1 Ġie deċiż li fis-6 ta' Diċembru issir il-ftuħ ta' eżibizzjoni dwar il-Preistorja u għalhekk ser jiġu mistiedna ir-rappresentanti tal-għaqdiet tal-lokalita'.

5.2 Il-Kunsill approva wkoll is-sensiela ta' 6 laqgħat informattivi l iser jibdew fil-ġimgħat li ġejjin u li ser ikunu qed jiġu kkoordinati minn Maria Victoria Grech.

5.3 Nhar l-1 ta' Diċembru ser jitqassmu il-hampers tal-Milied lill-persuni bi ' bżonnijiet speċjali.

5.4 Għall-ġirja tal-President ser isir trasport mill-pjazza għall-San Anton fid-9:00am.

5.5 Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-avveniment ta' Ġieħ l-Imġarr għas-sena 2014. Ġie maqbul li:

- ikun hemm Rikonnoxximent/Ġieħ għaż-Żgħażagħ;
- il-Banda ta' l-Imġarr tiġi inkluża fil-programm tas-serata;

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*


**6. Proġett tal-Bandli**

6.1 Is-sindku ħabbar li l-perit kien iffinalizza l-istima tal-proġett tal-bandli f' Wesgħat il-Ġublew. Din l-istima telgħet għall-madwar €1,000,000. Għalhekk il-Kunsill mhux f' qagħda li jwettaq dan il-proġett hekk kif maħsub, izda ser ikompli bil-proċess tal-permess u bies dan il-proġett isir f' forma ridimensjonata. Il-proċess mal-MEPA kien seer jibqa' għaddej. Sar qbil ukoll li il-UIF funds allokati għall-Kunsill imorru għal dan il-proġett.

**7. Proġett ta' Triq Fisher**

7.1 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tinħareġ sejħa sabiex isir xogħol ta' manteniment u kostruzzjoni fuq il-bankina ta' Triq Fisher. Din is-sejħa ser tinħareġ mill-aktar fis u ser tkun qed tgħalaq fid-9 ta' Jannar.

**8. Affarijiet Mixxellanji**

8.1 Eman Vella informa li s-sur Alvert Vassallo kien ser jitħallas €90.00 għat-tisqija ta' siġar li seħħ fl-aħħar ġranet.

8.2 Eman Vella semma' li kien hemm bżonn ta' traffic mirror fil-Ġnejna.

8.3 Elizabeth Ebejer tat rendikont dwar il-mawra ta' membri tal-Kunsill ġewwa Morbach fil-Ġermanja. Spjegat li:

- din il-mawra saret fuq stedina tal-Kunsill ta' Morbach u l-akkomodazzjoni sareet għand is-Sur Olaf Schabbach, pittur li għandu xogħoliet ezebiti fl-Uffiċċju tal-Kunsill ta' l-Imġarr;
- iż-żewġ lokalitajiet lesti jikkooperaw flimkien għall-ġid komuni;
- hemm bżonn li f' mawriet oħra simili il-Kunsill itellgħa rigali/materjal informattiv biex jiġu mqassma;
- hemm il-ħsieb li grupp tat-tfal mill-Mġarr Nursery tal-Football jitilgħu jipparteċipaw f' Tournament f' Morbach;
- isiru proġett ta' skambju fuq it-tema kulturali u artistika.

8.4 Elizabeth Ebejer ipproponiet li kellha ssir laqgħa għaż-żgħażagħ u studenti li kien qed jiggradwaw mill-Universita'. Din ġiet deċiża li ssir f' Jannar 2014.

8.5 Elizabeth Ebejer uriet disappunt li, bħala Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni, ma ġietx ikkonsultata fuq l-għażla tal-korsijiet offruti mill-Kunsill.

8.6 Mario Sammut ta' rendikont tal-ħidma tiegħu u proposti ta' diversi laqgħat, fosthom:

- konsultazzjoni pubblika dwar l-involviment taż-żgħażagħ fit-18 ta' Jannar. Din il-laqgħa ser titmexxa' minn konsulenta Franċiża;
- konsultazzjoni pubblika dwar l-immaniġjar tat-traffiku fis-7 ta' Frar;
- maratona tal-Imġarr Football Nursery bejn it-13 u l-14 ta' Diċembru 2013;
- kors ta' taħriġ għaż-żgħażagħ mexejja li ser isir l-Italja,
- proposta ta' bidu ta' kooperazzjoni ma' Lagosanto fl-Italja;
- reġistrazzjoni tal-Kumitat taż-Żgħażagħ mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fid-9 :33pm u ġiet aġġornata għal-Hamis 19 ta' Diċembru 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku